MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2010

Numru 513/2006

**PULIZIJA (SPETTUR ANTHONY CASSAR)**

**VS.**

**ALEXIS BONDIN**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba konta Alexis Bondin ta’ 22 – il sena bin Vincent u Michelina nee’ Farrugia, imwieleda il-Pieta’ fl- 14 t’ April 1984 u toqghod fl-indirizz numru 9, Mistrah is- Sliem, Haz- Zabbar, detentura tal-karta ta’ l-identita bin-numru 201684 (M).

Billi hija akkuzata li nhar il- 31 ta’ Mejju, 2004 ghal- habta ta’ xi d- disa’ nieqsa ghoxrin minuta ta’ filghodu, bil- hsieb li taghmel dealitt u cioe’ ferita gravi fuq il- persuna ta’ Carmen Ellul minn Haz- Zabbar, uriet dan il- hsieb b’ atti

esterni u taghat bidu ghall- esekuzjoni tad- delitt meta saqet il- vettura taghha tal- ghamla Skoda, ta’ lewn abjad, bin- numru tar- registrazzjoni LAN-479 fid- direzzjoni taghha, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mil- volonta’ taghha.

Akkuzata wkoll illi saqet l- imsemmija vettura LAN- 479 b’ manjiera perikoluza, traskutura u negligenti.

Akkuzata wkoll illi saqet l- imsemmija vettura LAN- 479 b’ giri aktar milli jmissha.

Akkuzata wkoll illi f’ Haz- Zabbar f’ dawn l- ahhar sentejn, b’ diversi atti maghmula minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jkunu jiksru l- istess disposizzjoni tal- ligi u li gew maghmula b’ rizoluzzjoni wahda, heddedt lil Carmen Ellul bil- mewt.

Il-Qorti giet umilment mitluba sabiex, jekk jidrilha xieraq tipprovdi ghas-sigurta tal- persuna ta’ Carmen Ellul u l-familja taghha, jew sabiex jinzamm il-buon ordni pubbliku, flimkien mal- piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, turbot lill- imsemmija Alexi Bondin b’obbligazzjoni taghha nniffisha that penali ta’ somma ta’ flus li tigi ffissata mill- Qorti.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l- artikoli elenkati mill l- Avukat Generali a fol 83 tal-process, that liema artikoli din il-Qorti tista ssib htija fl-imputata.

Rat il- verbal tas- 7 ta’ Ottubru, 2009 fejn l- imputata ma kelliex ogezzjoni li tigi gudikata minn din il-Qorti

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Mix- xhieda tal- Prosekuzzjoni u cioe xhieda tal- Ispettur Anthony Cassar, jirrizulta li pulizja ta’ l- ghassa ta’ Haz-Zabbar ircevew rapport minn Carmen Ellul li waqt li kienet

miexja fil-pjazza St. James, l- imputat bil- karozza taghha LAN 479 saqet ghal- fuqha. Ellul informat lil Pulizija li gurnata qabel hija kellha xi tghid ma omm l- imputata u li l-imputata kienet hedditha (lil Carmen Ellul) b’ hajjitha. Illi Ellul informat lil puliziija li ceru Josephine Bondin kienet xhieda ta’ dana kollhu. L- imputata irrilaxxat stqarrija Dok AC a fol 10 at seq.

Fl- istqarrija taghha Alexis Bondin xehdet li l- gurnata ta’ qabel Carmen Ellul u ommha kienu iggieldu, Carmen Ellul kienet imbuttat lil omm l- imputata mil- istaffa tax-xarabank, b’ rizultat li kienet kisritilha saqajha. Carmen Ellul kienet il- kagun ta’ t- tifrik ta’ l familja ta’ Alexis Bondin il-ghaliex kellha relazzjoni extra-matrimonjali ma’ missier Alexis Bondin. Fl- istqarrija taghha Alexis Bondin tammetti li kienet fil- pjazza ta’ St James fid- data, lok u hin citat, fil- karozza taghha kellha bintha ta’ xahrejn u zewg neputijiet ohra Rodney ta’ hames snin u Janice ta’ tlettax il- sena; f’ mument minnhom kienet se tintfielha l-karozza u ghaldaqstant kellha tirrezja naqra l- magna. Tinnega illi b’ xi mod ippruvat issuq ghal- fuq Ellul.

Janice Zammit a fol 11 et seq ikkonfermat li fil- karozza ta’ zija taghha kien hemm it- tarbija ta’ Alexis u huwha ta’ hames snin. Janice Zammit ikkonfermat li zijitha Alexis Bondin kienet qed issuq sewwa, li huma kienu qedin hdejn il- grocer ta’ Pawlu tal- kwart fil- pjazza, meta Carmen qasmet b’ pass hafif ghal- St James Clinic. Janice taf li din Carment Ellul kellha relazzjoni man-nannu taghha u li n- nanna taghha ‘ qabditu’ ara fol 14. Zammit xehdet li bejn Ellul u nannitha kien hemm glieda u li Carmen Ellul u ohtha … kienu kisrulha saqajha… ara fol 15.

WPC 182 esebiet certifikat ta’ twelid ta’ imputata u fedina penali netta ta l- imputata bhala Dok MGS 1 U MGS 2.

Josephine Bondin a fol 24 et seq xehdet li hija u Carmen Ellul keineu qedin jixtru meta rat lil imputata ghaddejja bil-karozza. Bondin xehdet li l- imputata kienet,

**“ghadejja bil- karozza tigri biex iddur ir-roundabout…u ghedtilha zul minn hemm, igri igri ghax- ittajrek,”** (ara a fol 24)

u Ellul spiccat il- clinic ta’ Josie Muscat. Bondin ikkonfermat li bejn Carmen Ellul u l- familja ta’ Bondin hemm l- inkwiet.

Fuq domanda ta’ l- Ufficjal Prosekutur, ix-xhud Josephine Bondin kienet evasiva:

**“ Pros : Qabel minn meta telqet tigri sakemm dahlet l-isptar, il- karozza ta’ Alexis Bondin kemm kienet ‘l boghod minnha minn Carmen Ellul ?**

**Xhud: kienet diga’ dahlet gewwa**

**Pros: Imma kemm kienet ‘l boghod minnha?**

**Xhud : Issa ma nafx”**

Carmen Ellul xehdet li ma kienetx taf il- ghaliex kien hemm it-tilwim bejnha u l- familja ta’ Bondin li jghixu bieb ma’ bieb maghha. A fol 28 Ellul tghid li hi kienet qed tixtri ma’ Josephine Bondin, li Bondin qaltilha:

**“ar’hemm ar’hemm ghax gejja din Alexis bil- karozza fuqhek u jien dak il- hin qisni ecitajt ruhi, tlaqt nigri u dhalt St James”.**

Ellul tghid wkoll li Bondin kelmitha hazin. Ellul ma setghetx tghid kemm il- darba Alexis Bondin kellhiex it- tfal fil-karozza izda tiftakar li kien hemm tfajla ta’ xi erbghatax-il sena. Ellul xehdet li qatt ma kellha incidenti ohra ma’ Alexis mid- data ta’ l- akkuza l- hawn.

L- Ispettur Anthony Cassar a fol 35 esebixxa l-okkorenza Dok PS.

Carmen Ellul fit- tieni xhieda taghha a fol 37 ikkonfermat illi l- imputata kienet ta’ sikwiet tghajjarha u theddidha u

dan fiz-zmien qabel dan l- incident . Gurnata qabel dan l- incident l- imputata kienet hedditha li kienet se ttajarha bil- karozza.

Michelina Bondin a fol 40 ghazlet li ma tixhidx.

Gie esebit Dok M certifikat ta' omm l- imputata fejn omm Alexis giet amessa l- isptar fi 30 ta' Mejju, 2004 bl- ghaksa dislokata.

Josephine Bondin fit- tieni xhieda taghha a fol 42 et seq ikkonfermat li l-karozza ta' l-imputata kienet Skoda bajda bin- numru tar- registrazzjoni LAN 479.

PS 1330 Schembri a fol 48 ikkonferma l- griehi ta' natura gravi li sofriet il- mamma ta' l- imputata gurnata qabel l- incident mertu ta' l- akkuza u l- inkwiet matrimonjali fil- familja Bondin u esebixxa Dok PSX a fol 50.

PC 1607 George Vella a fol 54 ikkonferma li fl- istqarrija li Janice Zammit ghamlet fil- presenza tieghu, Janice kienet ikkonfermat li kienet fil- karozza ma' l- imputata u cahdet li l-imputata saqet ghal fuq Ellul. Xehed li kien prezenti fl- istqarrija ta' Josephine Bondin li qalet l- oppost.

PC 190 Jesmond Farrugia a fol 56 ikkonferma li taw l- assistenza lil Carmen Ellul sabiex minn St. James Clinic jakkompanjawha l- ghassa wara r- rapport li Ellul ghamlet fuq l- imputata.

Christopher Darmanin a fol 60 ikkonferma li l- vettura LAN 479 Skoda kienet propjeta' ta' l- imputata.

Albert Micallef a fol 71 xehed illi fir- records ta' l- isptar

**"ma hemm l- ebda indikazzjoni illi Mrs (Carmen) Ellul ra' tabib, ezaminha tabib, jew saru xi forma ta' testijiet jew inghatat xi kura medika"**

pero' ikkonferma li Ellul giet milqugha mir- receptionist taghhom u din l- informazzjoni jafha mir- records tar- receptionist.

Spettur Anthony Cassar a fol 79 irrinunzja ghax- xhud Mariah Mizzi, receptionist ma St James Clinic.

Fix- xhieda taghha Alexis Bondin a fol 88 et seq xehdet li hija toqghod f' Mistrah is-Sliem ftit il- fuq mil- clinic St James Haz- Zabbar. Illi kif dahlet fil- karozza u dahlet Mistrah San Giakbu rat lil Carmen u Josephine.

**"kif ratni Carmen iccumbjatni, qasmet tigri St. James u dahlet tigri. Jien kif tlajt dik il- bicca waqaft fejn St James Pharmacy intfietli l- karozza, startjajtha, irezjajtha naqra u bqajt sejra ghax ma sibtx fejn nipparkja"** (ara xhieda a fol 89)

Tikkonferma li fil- karozza taghha kellha t- tarbija taghha ta' xahrejn u zewg neputijiet Janice u Rodney. Ikkonfermat li l- karozza taghha dak iz-zmien kellha bejn ghaxar u tlettax il- sena u kellha l- ignition difettuz, illum il-gurnata bidlet il-karozza.

Ikkonsidrat :

Illi l- imputata hija akkuzata b' attentat ta' ferita gravi fuq il-persuan at Carmen Ellul; b' sewqan perikoluz; bi speed eccessiv u b' theddid.

L- ahhar zewg akkuzi huma ta' natura kontravenzali u si come l- akkuzi jirrisalu ghal- 31 ta' Mejju, 2004, waqt li l-akkuza giet prezentat fi 26 ta' Mejju, 2006 fejn ghal-ewwel udjenza l- imputat ma gietx debitament notifikata, t-tielet u r- raba akkuza huma preskritti skond il- ligi

L- Imputata tinsab akkuza b' attentat ta' feriti gravi. Skond il- gurisprudenza nostrali sabiex tisussisti attentat ta' ferita gravi, l- prosekuzjoni trid tipprova l- intenzjoni specifika li tikkaguna offiza ta' natura gravi u mhux bizzejjed intenzjoni generika li wiehed iwegga lil dak li jkun. **(Ara Pulizija Vs Alfio Attard APP KRIM deciza 31 ta' Lulju, 2008 per MH Joseph Galea Debono u Pulizija Vs**

**Francis Cuschieri deciza 15 ta' Jannar, 2009 APP KRIM per MH Joseph Galea Debono a fol 11).**

Infatti l- Qorti ta' l- Appell Kriminali irriteniet is- segwenti :

**"kienet korreta l- ewwel Qorti meta qalet li biex jissustixxi r- reat ta' tentattiv ta' offizi gravi jehtieg li tirrizulta intenzjoni specifika li tigi ikkagunata tali offiza gravi u mhux biss intenzjoni generika li twegga lil dak li jkun, pero tali intenzjoni specifika tista tigi dezunta mic- cirkostanzi bhal ma huma x- xorta ta' l- arma li tkun intuzat."**

**Ara Pulizija (Spettur Carlo Ellul) Vs Saviour Xerri deciza 24 ta Frar, 2010 APP KRIM per MH Galea Debono a fol 6.**

Ikkonsidrat:

Illi mil- provi prodotti din il-Qorti temmen illi mhux biss l- prosekuzzjoni naqset li tipprova l- intenzjoni specifika ghal- offiza ta' ferita ta natura gravi izda l- anqas ma irnexielha, fil- fehma tal-Qorti, tipprova l- intenzjoni generika li twegga lil dak li jkun. Dan qed jinghad il- ghaliex l- imputata kienet ghadejja fil- karozza fil- lok fejn tghix, akkumpanjata minn tarbija ta' xahrejn, tifel ta' hames snin u tfajla ta' tlettax il- sena. Certament mhux verosimili li l- imputata, se tuza l- vettura taghha bhala arma u tipperikola lit- tarbija taghha stess ta' xahrejn u zewg t- itfal zghar ohra. Certament mhux verosimili, salv mard mentali, li ser taghmel dan kollha fi pjazza zghira tar- rahal, fid- dawl tax- xemx, fost pjazza mimlija nies.

**Illi di piu' Carmen Ellul lanqas biss innotat lill- imputata u l- karozza taghha** u kienet Josephine Bondin li gibditilha l-attenzjoni. In fatti Ellul la setghet tghid lil Qorti kemm kienet boghod il- karozza ta' l- imputata jew xi partikolaritajiet ohra ta' l- incident, ghajr li, mat- twiddiba ta' Josephine Bondin, Ellul telqet tigri gewwa St James Clinic.

Illi x- xhieda ta’ Josephine Bondin ukoll hija nieqsa minn dettalji vividi li wiehed jistenna kemm il- darba jkun verament xhud ta’ incident daqshekk ikrah. Din il- Qorti temmen illi meta, kif spjegat l- imputata, waqfitilha l- karozza fil- pjazza ghax kellha l-*ignition* difettuz u rrezjat ftit il- magna, Ellul u Bondin, bezghana mit- theddida li twettqet il- gurnata ta’ qabel, waslu ghal-konkluzzjoni zbaljata li l- imputata kienet se twettaq dak li kienet hedded.

Illi di piu din il-Qorti lanqas biss ghandha evidenza legali li Ellul verament fittxet il-kenn f’ St James Clinic wara dan l- incident stante li l- Ufficjal Prosekutur irrinunzja ghar- receptionist Marajha Mizzi u x- xhieda ta’ Albert Micallef hija merament “*hear say*”. Illi di piu din il-Qorti temmen li kieku dan l- incident verament sehh fir- realta’, Ellul kienet tiddewwa minn xi tabib f’ din il- *clinic* u kien jirrizulat xi forma ta’ certifikat ghalmenu ta’ xokk jew anzjeta’ fuq l- istess Ellul. Dan minn imkien ma jirrizulta.

Illi l- imputata tinsab wkoll mixlija b’ sewqan perikoluz. Illi fil-pjazza zghira ta’ Haz Zabbar, sewqan perikoluz kien se jigi nnotat minn diversi nies illi jkunu normalment fil- pjazza bejn it- tmienja u nofs u d- disgha neqsin kwart ta’ filghodu. Il-pulizija ma rnexxilhomx iresqu l- ebda xhud independent minkejja li kien hemm diversi hwienet b’ nies jixtru l- bzonnijiet ta’ kulljum f’ din il-pjazza. Dan l- istat ta’ fatt isahhah biss il- verzjoni ta’ l- imputata li din il-Qorti tqis li hija affidabbli b’ kuntrast ghax- xhieda tal- kwerelanti u ta’ Josephine Bondin, li in vista ta’ l- incident tal- feriment gravi fuq omm l- imputata (fejn allura qed tigi mplikata wkoll Josephine Bondin) l- Qorti ma tistghax moralment tikkonsidrha bhala xhud indipendenti.

Illi ghal- dawn il-mottivi l- Qorti ssib lil imputata mhux hatja ta l- akkuzi u tilliberha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------